L-Għoxrin Sena   Ottubru-Diċembru, 1950   Għadd 236-238.

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ
MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA')

**L-ILSIEN L-AKBAR XHIEDA TAL-LIBERTA TAL-POPLU FL-ISTORJA POPLU U LSIEN TJASSRU FLIMKIEN**

X'FIH DAN IL-GĦADD

Editorjal — Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

Il-Letteratura fir-Russja Kommunista — Ġorġ Cassar, B.A.
*Tlitt Sunetti ta' Thewdin* — Manwel Cassar
*Lill-Imdina; Il-Misteri tan-Natura* — Ġużè' Chetcuti
*Transitanea* — Dun Frans Camilleri
— Wallace Gulia, B.A., B.Sc. D.P.H.

*U Jerġa' Jisbaħ* — Val. V. Barbara, O.P.
*Epigrammi* — Anton Buttigieg, B.A., LL.D.
Lill-Muża — Ġ. B. Cassar
*Sonat' Apathetique; Un Homme* — Marċell Mizzi

Opra Letterarja Spanjola — Maltija — Antonio Farrugia
Il-Poeżija u l-Verità — Ugo Mifsud Bonnici
Għidut Fuq Malta fil-Lebanon — Ġ. Cassar Pullicino
Żieda ta' Kliem u Tifsir — Ġ. Cassar Pullicino

**ALL SORTS OF EDUCATIONAL AND ECCLESIASTICAL BOOKS**

CAN BE OBTAINED FROM

## A. C. AQUILINA & CO.

**45D, KINGSWAY, VALLETTA.**

---

# PAUL TALIANA

## WATCH-MAKER AND REPAIRER

**24, St. JOHN STREET — VALLETTA.**

**A Large Assortment of Watches and First Class Repairing.**

---



# LEHEN IL-MALTI

L-GHOXRIN SENA OTT-DIĊ, 1950. Ghadd 236-238.

# Le Jardin de l'Allèlek

(Editorjal tal-Prof. Ġ Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)

*Laurent Ropa huwa magħruf fostna l-Maltin l-aktar bħala rumanzier Franċiż ta' nisel Għawdxi li mhux biss ma nesiex nisel art twelidu imma ħabbha b'qalbu kollha u meta l-kustjoni tal-lingwa kienet saħnet, jiġifieri meta l-kustjoni saret waħda ta' mewt u ħajja għal lsien misserijietna, huwa bil-pinna tiegħu qawwija fil-ġurnali Franċiżi xandar quddiem il-barranin il-kobor tal-poplu Malti u s-sbuħija u l-qedem ta' lsienu. Imma Laurent Ropa, imbarra l-awtur tażżewġ rumanzi* Le Chant de la Noria *(Il-Ghanja tas-Sienja) u* Kaline, *huwa wkoll poeta, u poeta ġenwin li minn qalbu tfur ix-xenqa għarrealta' tal-ħolm, ir-realta li ssebħ fid-dinja tal-fantasija. Dinja ta' deħriet fantastiċi tinsab imxerrda fl-aħħar ktieb ta' poeżija tiegħu,* Le Jardin De L'Allélek. *(Il-Ġnien ta'Allelek).*

*Qrajt il-għanjiet tiegħu, u jien u naqrahom ħassejt il-ħlewwa ta' immaġinazzjoni fina, mixgħula mix-xenqiet ta' ruħ imħabbta, millħolm ta' idejal li dejjem nġru warajh u dejjem jaħrabilna qisu dell. Ropa jgħidilna biex fil-poeżija tiegħu ma nfittxux ħaġ'oħra ħlief ittaħbita li tħabbat f'sider Adam, u Adam hu jien u int; Adam hu l-umanita :—* Ecoute ici le coeur d'Adam, ton coeur, le mien.

*Għal Ropa l-poeżija hija vokazzjoni, hija sejħa. Il-Muża li tqabbad ix-xrara fil-qalb tal-poeti qaltlu sa minn meta kien għadu tifel biex jixħet għajnejh mad-dawra tal-ġmiel tad-dinja u hija tagħmlu alla poeta li jgħix fis-sakra tal-għoljiet miksijin bil-glorja. Igħidilna l-poeta :—*

"Tu m'aimais. Tu disais. "Jette avec hardiesse,
Sur le monde, mon fils, tes yeux à peine ouverts;
Tu seras dieu; tu l'es; tu vivras dans l'ivresse
Des sommets, d'harmonie et de la gloire couverts.

*Imma waħda mill-isbaħ poeżiji li l-aktar laqtuni f'din il-ġabra hija* Mon Coeur Au Vent *(Il-Qalb Tiegħi lir-Riħ). Fakkritni fil-poeżija* Ode To The West Wind *ta' Shelley, fejn il-poeta Ingliż jitlob lir-Riħ tal-Punent iġorr il-ħsebijiet tiegħu ma' l-erbat irjieħ tad-dinja biex dawn, bħaż-żerriegħa, jnibbtu s-siġra ta' l-Idejal li kien jixgħel f'qalbu dejjem imħabbta.*

*Għal Ropa wkoll ir-riħ huwa spirtu ta' idejal li jaħkem l-erba' ġnub tad-dinja. Għalih ir-riħ huwa qawwi* (Vent dramatique), *mistiku* (Vent apocalyptique), *rebbieħ* (Vent triomphant). *Imma jekk għal Shelley ir-riħ huwa spirtu vag, għal Ropa Nisrani, ir-riħ donnu l-istess Ruħ il-Qodos, Ruħ Alla li jonfoħ kullimkien u ħadd ma jaf*

*minn fejn u kif u jnebbaħ l-idejat kbar; riħ li jerfa' l-poeti għal ħolm l-aktar sublimi.*

Le Vent, voici le Vent, le beau Vent dramatique !
Il se lève et d'un bond il envahit la nuit;
Sa voix tempétueuse, sifflante, conduit
Un troupeau de silence et d'ombres pathétique.

O Vent, quel est ton nom, Vent apocalyptique?
Es-tu l'orgueilleux fils de l'Aurore qui fuit?
Ou plutot n'es-tu pas le souffle de Celui
Pour qui tout l'Univers est un vivant cantique?

Souffle, Vent gémissant, souffle, Vent triomphant !
Feuille d'âme divine attentive et sensible,
Je me livre, rêvant, à ton charme invincible;

Bercé sur l'océan de tes vagues, ô Vent
Magicien, j'aspire à l'Immobile et, ivre,
Je voudrais, détaché de moi-même, te suivre.

*Ir-Riħ drammatiku, ir-Riħ apokalittiku jiġri wara l-poeta, ma jagħtihx nifs. Jaħfnu bil-qawwa tal-kelma, iġennu bil-għana.*

C'est lui, c'est encor lui; Le Vent, encor le Vent !
Il me poursuit partout dans le sublime drame,
Et sa trompe mystique au tonnere émouvant
Souffle le feu divin qui couve dans mon âme.

*Fina, delikata, minsuġa bil-ħarir tal-fantasija għammiela hija l-poeżija* Etoile Du Matin *(Il-Kewkba ta' fil-Għodu), poeżija li l-ħsieb tagħha jinħall fid-dawl ta' ħafna kwien imdewba. Ilkwien u ritmi huma n-nisġa artistika ta' din il-poeżija artistika. Nisimgħu lill-poeta:*
"Ejja, erħi jdejk f'idejja, dik idek safja u bajda bħal susan l-anġli; irrid nieħdok hemm fejn tgħanni l-alwetta, hemm, fuq il-muntanja li fommha tbexxaq lejn is-sema.

L-għodwa qed tiddi, tiġġerra ħamra fuq l-iġbla u f'qalbi;
m'intix tisma l-alwetta, l-alwetta maħruqa bl-imħabba tan-nar?

Ejja, l-ebda kelma ma ngħidlek, l-hena jħobb is-skiet,
jien nimxi ma' ġenbek fil-għaxqa ta' ruħek, mar-ritmu ta' qalbek;
u nifsek ikun nifsi;
int il-Warda miftuħa fil-ġnejna ta' ruħi;
ngħix b'nifsek sa ma mmut biex inkattar bik ħajti għal dejjem.

Ma' ġenbek jien nimxi, imgħaxxaq, miblugħ għat-triq li tiftaħ fil-għodu;

u raġġi johorġu minn ġismek bħal kwiekeb ġol-ikħal tas-sema;
u b'dawlek tgħix ruħi, b'dak dawlek li jaqta' l-ġuħ tagħha.

Ejja, agħtini l-id tiegħek sabiħa li tiftaħ il-bieb minn tal-jiem!
O Warda, o Dawl, o Ġilju, ta' qalbi,
jien nieħdok hemm isfel fuq l-iġbla mwarrdin mal-kant ta' l-alwetta;

malajr l-għasfur jiskot, malajr jidbielu l-wardiet:
ngħaġġlu nisaw, biex qabel ma jidlam niġborlok hemm fuq. il-Kewkba Għodwija.

*Poeżija fina li ma tistax ma titlefx ħafna fit-traduzzjoni tiegħi ritmata u irregulari, li madankollu għandha tagħti ħjiel tajjeb tat-teknika ta' Ropa, poeta tal-fantasija, poeta tal-ġmiel, dak il-ġmiel li għalih hu dejjem verġni, dejjem safi*:— la Beauté est toute vierge encore au cerveau qu'elle inspire.

*Is-seħer ta' l-Afrika għandu saħħa qawwija fuq l-immaġinazzjoni tal-poeta tagħna u fil-poeżija* Nuit Mauresque *(Lejla Moreska) niltaqgħu ma' xbihat qawwija u friski li jfakkruk fl-arabeski orjentali*:

Resqet il-Lejla; nofsha għarwiena tiġġerra fl-għelieqi,
u tifrex fuq l-għolja bla ħsieb xejn sodditha......

*Qatt nagħas ma jeħodha lix-xebba bedwina għax qalbha mimlija bi ħlewwa ta' għana bla tarf.*

*Sabiħa fil-ħsieb magħqud tagħha hija din il-lirika ta' erba' versi*:

U fejn hu ġmielek, ja warda, u kburitek, żgħożija?
Ruħi maħkuma mid-dwejjaq
tittawwal ġo l-abbiss fejn intom titfarrku,
Jewwilla ma tiddix kewkba tbenninkom għal dejjem?

*Sabiħa wkoll għas-sempliċita tagħha hija*:

Sabiħ iċ-ċimiterju hemm isfel fuq l-għolja,
Fil-ġmiel minn tas-sema u l-arja tal-baħar.

L-Angelus ta' fil-għodu jqajjem il-mejtin;
hawnhekk qegħdin, nagħrafhom għalkemm bla ġisem.

Fit-tregħid taċ-ċipress u tal-palmi
Jinstema' tħaxwix ta' ġwienaħ, tħaxwix ta' erwieħ,

Fil-waqt illi ħuthom, bħall-qlugħ ta' l-irjieħ,
ibaħħru fl-arja qaddisa tax-xemx illi tielgħa.

*Imma l-poeżija ta' Ropa mhix dejjem fantasija waħida. Il-poeta għandu l-mumenti filosofiċi tiegħu, mumenti ta' qtigħ il-qalb bħal fis-sunett* Le Combat *(It-Taqbida) li jien sejjer naqleb fi proża.*

*"X'inhu mela dan il-leħen li jgħajjat igħidli li did-dinja miġnuna mhix l-art ta' għamarti, li hemm x'imkien ieħor fejn Ommi u Missieri jistennewni fis-sliema ta' l-għana u t-talb?*

*Inġib fuq ġbini, waqt li nħares ġol-ħondoq, it-tifkira misruqa ta' ġenna sublimi.........'Ma forsi s-sema ta' qalbi ma hux ħlief ħolma li tgħib għal dejjem meta mmut jiena.*

*Misterju! — ħaġ'oħra m'hawnx ħlief il-misterju. L-ebda ġlieda oħra ħlief il-ġlieda satanika, u ruħi mdawla laqgħet it-taqbida.*

*Għalkemm tqabadt għalxejn għax għadni trux u agħma u ngħix bil-mewt; il-mewt li tiġi għada jien ma nilqagħhiex".*

*Poeżija qawwija u sabiħa hija* Bucolique II *li dawk li jafu l-Franċiż jistgħu jiggustawha aktar fl-oriġinal. Nagħti minnha l-ewwel tnax-il versi :*

Voici le beau vent, le grand vent vivant!
Paissez, mon Boeuf Noir, paissez, mon Boeuf Blanc!

Au bord de l'abîme où le serpent niche,
Le Serpent qui sait ce qu'on ne sait pas,
Le Roseau pensif au corps de derviche,
Le Roseau penché médite front bas.

Paissez, mon Boeuf Noir, paissez, mon Boeuf Blanc!
Voici le beau vent, le grand vent vivant!

N'allez pas si loin, où le Diable tente,
N'allez pas mordre à ce qu'Ave a mordu;
Voici du chardon, de la fraîche menthe:
Surtout n'allez pas au fruit defendu!

*Patetika ħafna mbagħad hija l-poeżija* Silence *(Is-Skiet) li tgħid l-istorja tat-tfajla ġenniena li l-mewt ħasditha ħesrem mill-ġnien tal-ħajja.*

Ix-xbejba ġenniena tal-ward reġgħet lura għand Alla;
Jien xejn ma stagħġibt għax din ma hix ħlief il-ħajja;
U meta hija twieldet biex tgħix, hija twieldet biex tmut,
U kull wieħed minna għad darba jitlaq minn hawn.

Il-ħajja ġarrbitha bin-nar tad-dulur,
U fl-istaġun ġdid imdawra bil-ward,
Hi tħassbet waħidha fuq il-misterju krudil
Li jridna nbatu għat-tul f'ħajja qasira.

Kull wieħed ifittex il-kelma u mbagħad iwarrabha.
Ġbin il-Mewt l-ebda niket ma jkemmxu
Fuq ġbin il-Mewt f'daqqa waħda taqa' kalma u taħseb li ħliefha ħadd ma jaf it-tweġiba.

Tgħid lemħet il-ġnien fejn taħkem
Sultana l-Warda tal-Misterju?
Issa għaddiet id-Dinja u l-ħalq jiskot.

F'Art Poetique, *Ropa, imbarra li donnu jrid jikkundanna t-tħewdin tal-poeżija modernista fisser ukoll il-konċett tiegħu tal-poeżija. Il-misterju tal-ħajja fl-aħħar mill-aħħar għall-poeta tagħna mhux ħlief Alla nnifsu.*

Du mystère aussi j'en veux:
Mais mon mystère c'est Toi, Toi seul, Dieu,
Et ma raison l'adore à travers le saint voile
Tissé par les rayons de toutes tes etoiles.

*Lill-poeti li jħawdu r-ruħ tal-poeżija mat-tħewdin tat-teknika tagħhom inventata minn proċessi ċerebrali u mhux min-nirien tal-qalb, igħidilhom:—*

N'est pas la Poésie un rien né d'un rien pur:
Témoin Homère et mieux encore la Nature,
De surréel et de réel melange obscur:
Laisse à leurs rièns les faiseurs de littérature.

Des images, bien sûr, mais plus qu'il n'en faut,
Pas en fabrique mécanique;
Surtout, pas de charlatanesque fantasmagorie.

*Hemm poeżiji oħra tajbin li qbiżthom imħabba n-nuqqas ta' żisa'. F'din il-kitba tiegħi ridt nintroduċi lill-ħabib poeta Franċiż lill-poeti Maltin li hu għożżhom u kabbarhom fi Franza, it-tieni Omm żara art twelidu. It-traduzzjonijiet tiegħi huma esperimenti ritmiċi, l-aħjar mod biex stajt nagħti idea tal-poeżija tiegħu. Imma l-oriġinal Franċiż jibqa' dejjem l-aqwa u l-aħjar xieħda ta'* l-Art poetique *ta' Laurent Ropa.*

*Kelma ta' l-aħħar, li m'għandhiex x'taqsam mal-poeżija imma għandha x'taqsam ħafna max-xogħol ta' Ropa.*

*M'hemmx xi awtur Malti li jaf l-Franċiż u għandu ż-żmien biex jittraduċi ż-żewġ rumanzi tiegħu,* Le Chant de la Noria *u* Kaline?

*Laurent Ropa hu poeta u rumanzier ta' pinna qawwija.*

# Il-Letteratura fir-Russja Kommunista

Valeri Briusov, il-poeta simbolista Russu, qabad sewwa l-ispirtu ta' tama, biża' u diżilużżjoni ta' ħafna nies intelletwali li fid-demm imċarċar tar-Rivoluzzjoni l-Ħamra xtaqu jaraw it-tisqija tal-libertà fir-Russja, meta huwa għanna l-versi li ġejjin: "Darba intom ħabbejtu d-destin u d-drama u ħlomtu l-miġja ta' dilluvju ieħor — Dak li lmaħtu beżgħana fil-bogħod, twieled f'daqqa fost dħaħen u ragħad; għaliex mela, għajnejkom foloz issa jleqqu bil-biża', bħal meta ferħ iċ-ċerva jinħasad, mistagħġeb u mbeżża'?" L-għajnejn ileqqu bil-biża' għaliex wara tletin sena ta' Dittatorjat Aħmar trabbiet quddiemhom Russja li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qiegħda titbiegħed mill-ideali għolja tal-kittieba u rivoluzzjonarji tas-seklu l-ieħor, li minħabba l-ġlieda tagħhom mat-tirannija Kżarista ndifnu ħajjin fil-wesgħat imtertra tas-Siberja jew tmermru minsija f'xi ħabs-fortizza ta' pajjiżhom. "Ir-Russja qatt mhi sejra tagħmel rivoluzzjoni", qal kittieb politiku Russu tas-seklu l-ieħor "bil-ħsieb li teħles mill-Kżar Nikolaj u ddaħħal floku Kżarijiet oħra." Hawnhekk qiegħda l-ironija l-kbira. Ibdel l-isem tad-dinastija Romanov ma' dik Marxista, insa l-qabża li hemm bejn il-burokrazija nobbli ta' żmien il-Kżarijiet u dik proletarja li hemm illum, u taħt il-qoxra rqiqa ta' din il-bidla tħoss għaddej jiġri l-kurrent, wieħed u mhux maqtugħ, ta' l-istorja Russa. Is-sawt, il-libertà maħnuqa bil-biża', u msallab bejniethom il-poplu Russu, ilhom għal mijiet ta' snin l-arma maħbuba li jġibu l-ħakkiema Russi. Xhieda qawwija biżżejjed ta' dan li qegħdin ngħidu neħduha mill-ħajja artistika Russa f'dawn l-aħħar tletin sena.

Sa ftit snin wara li faqqgħet ir-rivoluzzjoni tal-1917, meta l-gvern ġdid kellu jħabbat wiċċu mal-problemi kbar u t-taqlib fil-ħajja ċivili, kittieba u mużiċisti komplew jiktbu kif u meta jħossuhom fiha mingħajr ebda ndħil ta' l-istat. X'uħud minnhom laqgħu b'merħba r-reġim kommunist, oħrajn ħarbu lejn il-pajjiżi tal-punent. Imma meta l-baħar ta' passjonijiet laħaq qagħad u l-kommuniżmu daħal fit-tieni fażi tiegħu ta' rikostruzzjoni, is-saħħa u l-influwenza kbira tal-letteratura bħala qawwa li tista' tgħinu fil-pjanijiet tiegħu, waqgħu taħt għajnejn il-partit. Id-daqqa tal-mannara fuq il-libertà kreattiva tal-kittieba niżlet meta Lenin qal li fl-Għaqda tar-Repubbliki Soċjalisti ma kienx fadal wisa' ħlief għal letteratura waħda — letteratura tal-partit kommunista. Madwar l-għajta "abbasso kull letteratura bla partit" nibtu ħafna xirkiet letterarji li tgħabbew minn

rajhom bid-dmir li jfarrku u jarmu l-baħar il-fama tal-kittieba ġganti ta' qabel ir-rivoluzzjoni u jżommu għassa eterna fuq dawk kollha li ma redux ibaxxu rashom għal dan it-tradiment tal-letteratura. Fil-biċċa l-kbira, dawn l-għaqdiet kienu magħmulin u mmexxijin minn entużjasti żgħażagħ, l-iżjed irjus sħan fost l-intelligentsia ġdida kommunista. Il-kritiku Voronski ħallielna bil-miktub karikatura tniggeż ta' dawn l-għassiesa tar-rivoluzzjoni. "Dil-ġenerazzjoni dari kienet taħt l-armi, imma llum, dawn iż-żgħażagħ, flok ma jġorru xi azzarin tqil, qabdu l-klamar u l-karta. Huma nies b'saħħithom, mibrumin, imħeġġa, ċajtiera, prużuntużi u jemmnu għal kollox fihom infushom. Imdorrijin jieħdu kollox ħabta u sabta; għalhekk tihom l-Ewropa, agħtihom skejjel, xjenza u arti Ġisimhom ibaqbaq b'entużjażmu żagħżugħ u ma jeqfux fejn għandhom jieqfu kif ġieb u laħaq. Nies aktarx bla manjeri, jirfsulek il-kallu, jobżqu, u mimlijin bihom infushom, igħidu l-ħmerijiet." Xirka ta' din il-għamla kienet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Proletarjat li għamlet sejħa fl-1928 lil 10,000 ħaddiema u bdiewa, nies ta' ħila letterarja żgħira imma ta' fidi kommunista kbira, biex bejniethom flimkien jibnu l-kultura li tixraq lis-soċjetà tal-ħaddiema tal-martell u l-minġell. Fl-1931, il-gvern, li sa dak inhar baqa' jtihom is-saħħa morali kollha li seta' jagħtihom, waqqaf l-għaqdiet kollha ta' din ix-xorta. Imma l-ħsara kienet ġa laħqet saret bil-mewt ta' tnejn mill-akbar poeti tar-Russja. Sergej Essenin (1895-1925), ma felaħx aktar għall-akkuża li l-lirika tiegħu, fejn tbekka l-qerda tal-ħajja tradizzjonali raħlija taħt il-magni ta' l-industrijaliżmu, kienet qiegħda tberred il-ħeġġa tal-poplu għar-rikostruzzjoni kommunista tal-pajjiż. Fl-1925 neħħa ħajtu b'idejh u sitt snin wara, poeta ieħor, Vladimir Majakovsky għamel bħalu. Ħadd daqs dan il-poeta ma nfexx f'versi tan-nar li jgħannu l-ferħ u s-saħħa ta' l-ottimiżmu fil-ħajja. Ftit bħalu emmnu hekk qawwi u ħadmu hekk fit-tul għar-rebħa tal-kommuniżmu fir-Russja. "Leħni jitkellem f'isem 150,000,000 ċittadin Russu" ftaħar darba. Għalih Stalin kien qal li "jkun ħati ta' delitt min jiftakar fih u jibqa' biered." X'seta' wassal li Majakovsky għal dan l-att li hu l-arma tal-beżżiegħi, tal-pessimist, tal-bniedem li jħossu żejjed fid-dinja ħlief xi rijazzjoni li ġarrab mill-qiegħ nett l-ispirtu artistiku tiegħu mifxul u mħarbat minn kmandi soċjali, indħil, tfixkil, u lezzjonijiet li ma riedx jisma' bihom? Żewġ drammi soċjali fejn jikxef u jsawwat il-vizzji tas-soċjetà ġdida nżammu mill-awtoritajiet. Għal Majakovsky din kienet rivelazzjoni u stedina wkoll biex ifittex il-ħelsien bil-mewt.

Min-naħa tal-gvern inħasset il-ħtieġa li d-dilettantiżmu kellu jinqered u titfassal formula letterarja li waqt li tkun tista'

tinżamm taħt il-kontroll tal-partit, tħalli l-wisa' meħtieġ għall-ispirazzjoni tal-kittieba. Fl-ewwel Kungress tal-Kittieba Sovjetiċi li sar fl-1934, il-kittieb veteran Maxim Gorki fisser fit-tul it-teorija tiegħu tar-realiżmu soċjalista, li xi daqqiet tissejjaħ ukoll it-tradizzjoni ta' Gorki. Għal sittax-il sena dit-teorija ilha d-dawl, il-filosofija u d-domma tal-kittieba Russi u kull waħda oħra hija rijazzjonarja. Iż-żewġ kelmiet **realiżmu** u **soċjalista** jgħinuna nifhmu dit-teorija letterarja politika. Il-kittieb Sovjetiku ma jrid jinsa qatt li hu ċittadin ta' pajjiż li jagħraf triq waħda biss li tista' twassal għal soċjetà perfetta, it-triq tas-soċjaliżmu. Għalhekk f'kull ma jaħseb, f'kull ma jikteb, f'kull ma jgħallem, il-kittieb Russu tas-seklu tagħna jrid ikun magħġun b'dan il-karattru soċjalista. L-artista Russu għandu jiftakar ukoll, u jkun kburi, li hu "l-inġinier ta' l-erwieħ" tal-poplu, u għalhekk il-kitba tiegħu għandha tlaqqa' flimkien il-gost u t-tagħlim, teduka l-imħuħ tal-qarrejja fl-ispirtu Marxista-Leninista u mhux tgħaddilu ż-żmien biss f'qari fieragħ. Biex insemmu eżempju wieħed, awtur ta' l-istejjer tad-**detectives** jista' jogħġob u jgħallem fl-istess ħin billi jibbaża l-istorja tiegħu fuq xi kumplott ta' aġenti rijazzjonarji, għedewwa tar-reġim kommunista, u l-kastig bla ħniena li jilħaq lil dawk kollha li jgħollu rashom kontra l-istat. Minħabba f'hekk, dik li aħna nsejħu arti għaliha nfisha, hija kkundannata mir-realiżmu soċjalista. L-ebda artista Russu m'għandu jagħmel bħal dawk l-artisti ta' l-Ewropa tal-punent li jixhdu l-baħħ ta' ruħhom, il-pessimiżmu u l-falliment tas-soċjetà li jgħixu fiha, f'poeżija, kitba, mużika u pittura mħawda u bla demm. Din hija l-marda tal-"formaliżmu dekadenti" u l-awturi tagħha huma "nies maħsusin." L-artista Sovjetiku jeħtieġ iżomm ruħu marbut mal-ħajja ta' madwaru u jislet l-ispirazzjoni mill-poplu Russu fit-tbatija, fil-ferħ, fix-xogħol, fl-aspirazzjonijiet u rijazzjonijiet tiegħu għall-bini tal-kommuniżmu f'artu u r-rebħa tal-moviment li jrid iġedded id-dinja. Fl-aħħarnett, ir-realiżmu soċjalista jitlob li l-letteratura tqiegħed il-mera fuq il-problemi u t-tibdil soċjali u politiku li jinqalgħu millum għal għada.

Dit-teorija setgħet tkun milqugħa bil-qalb it-tajba minn kulħadd kieku l-politikanti tal-Politbureau ma żammewx id-dritt li l-aħħar kelma dwar it-tifsira tar-realiżmu soċjalista jgħiduha huma biss bla ma jħallu l-kittieb jifhimha u jittrattaha kif iħoss li għandu jagħmel. Insemmu żewġ każi ta' kif qiegħda titħaddem dit-teorija fir-Russja. Il-pinna tal-kittieb Lhudi, Ilja Ehrenburg, fiha qawwa li tqanqal il-passjonijiet qalila tal-qarrej, u għall-isbaħ erba' snin ta' l-aħħar gwerra mal-Ġermanja, il-pubbliku Russu siker bl-inbid ta' passjoni kbira li sqietu l-kitba

ta' Ehrenburg. Mibegħda, reżistenza, għatx għal demm il-għadu; mewt lill-bhima Faxxista! Suldati minn fuq il-front kienu jiktbulu biex jifirħulu, u kienu jiżgurawh li wara li jaqraw il-kitba tiegħu, is-swaba' sodi ta' jdejhom aktar kienu jingħafsu bissaħħa mal-grillu ta' l-azzarin, hekk li kull Ġermaniż li jersaq lejhom kont tista' tgħoddu bniedem mejjet. Imma mbagħad il-periklu għadda. L-Armata Ħamra herriet is-sinsla tal-għadu u bdiet toqrob lejn il-fruntiera Ġermaniża. Il-kbar tal-Kremlin biddlu l-politika tagħhom lejn il-Ġermanja u niesha bħal-lejl min-nhar, iżda Ehrenburg baqa' jdoqq l-istess nota. F'daqqa waħda fl-1945 deher artiklu fil-Pravda, organu uffiċjali tal-partit, taħt l-isem "Il-Ħabib Ehrenburg Qed Jgħaġġibha!" Dak l-artiklu kien twissija biex il-kittieba kollha jifhmuha li għal quddiem l-istat ma jaħmilx u ma jħallihomx jiktbu fil-vina talbieraħ. Il-kuxjenza ta' l-artist jeħtieġ tidra toqgħod għall-kmand soċjali. L-aħħar li smajt fuq Ehrenburg kien xi xahrejn ilu, fil-Kungress li sar Warsaw mill-partiġjani tal-paċi. Prova oħra ta' kemm il-letteratura sovjetika saret bħal dipartiment imħallas ta' l-istat flok saltna ta' l-iżjed nies indipendenti fil-ħsieb u l-kelma, inġibuha minn dak li ġara lil Mikhail Zoschenko, wieħed mill-aktar awturi simpatiċi ta' żmenijietna. Dan l-awtur iħoss vina tbaqbaq ġo fih, bejn inkejjuża u bejn umoristika, li tagħrax u tidħak bil-vizzji u l-iżbalji li nibtu f'pajjiżu taħt ir-reġimi kommunist. Bosta drabi jħobb idaħħakna billi jurina l-kotra tal-poplu tifhem ħażin u tgħawweġ il-kliem u frażijiet twal u tqal ta' l-ideoloġija Marxista-Leninista. L-awtoritajiet kienu ilhom iħarsu lejh bl-ikrah għan-nuqqas ta' serjetà tiegħu, li minħabba fih ma setax jikteb ħlief xogħlijiet "anti-populari u anti-artistiċi". Ir-rivoluzzjonarju Alexander Zdanov ħa l-biċċa xogħol f'idejh u sablu tarfu f'qasir żmien. Fuq ordni tiegħu, riżoluzzjoni tal-kittieba ta' Leningrad ħaditha qatta ba ħabel mal-gazzetta letterarja "Zvezda" għall-iżball oħxon li għamlet meta ħalliet "nies bħal Zoschenko u Akmatova, li ma jaqblux mal-letteratura Sovjetika, jieħdu pożizzjonijiet għolja fil-gazzetta"; talli warrbet fil-ġenb "it-tagħlim ta' Lenin u Stalin illi l-letteratura hija l-aktar ħaġa mportanti fil-partit u fl-istat għall-edukazzjoni kommunista tal-ħaddiema"; u l-aktar, talli fil-għama politku tagħha, fetħet beraħ il-paġni tagħha "lil qatta laqt u ħama tal-letteratura, bħal Zoschenko, li jippriedkaw baħħ jinten ta' idejat, gosti vulgari u trattament mhux politiku tal-letteratura." Minħabba l-ebusija ta' qalbu Zoschenko tkeċċa mill-Għaqda tal-Kittieba Sovjetiċi, jiġifieri jekk għada pitgħada ma tiġihx indiema minn ħtijietu u jagħmel qrara f'riġlejn il-pubbliku Russu billi jikteb xi stqarrija fejn jam-

metti li tbiegħed mit-triq tal-kommuniżmu, il-karriera letterarja tiegħu tista' tgħoddha mejta.

Din l-għafsa politika mhux biss qiegħda toħnoq u ttellef xogħlijiet ta' poeżija u proża li tista' ssejħilhom tassew ġenwini, imma xeħtet id-dell marradi tagħha fuq il-mużika u kompożituri wkoll, li għall-ewwel darba fl-istorja saru jafu li l-mużika ma tistax ma jkollhiex bażi politika. Għax fir-Russja hemm it-talba għall-ħolqien ta' mużika soċjalista, mużika ħafifa għall-widna li tingħoġob mill-proletarjat u fl-istess ħin tkun emozzjonali, qawwija, ottimista; mużika, li bħal-letteratura, tieħu sehem attiv fit-tisħiħ tal-moral nazzjonali, u tfaħħar kif jixraq l-isforzi kbar ta' l-eroj ta' żmenijietna, il-bniedem ġdid Sovjetiku. Dimitri Shostakovitch jaf igħidilna mill-mili ta' l-esperjenza morra li għadda minnha, sa fejn tista' twassal l-aggressjoni politka li tidħol f'għalqa li mhix tagħha, kemm iħoss ruħu mifxul bniedem artistiku li jkun imġiegħel isuq il-kurrent ta' l-ispirazzjoni tiegħu minn triq li jidhirlu li mhix tajba imma li jaf li togħġob lil min jista' kollox. Dan il-kompożitur għamel isem għall-ewwel darba bl-opra *Lady Macbeth ta' Mtzensk* u sakemm Stalin u Molotov darba fettlilhom imorru jisimgħuha u dehrilhom li kienet iċ-ċaħda nfisha tal-prinċipji ta' l-opra, "taħlita bla sens u għal kollox mhux politika" kif sejħitilha l-Pravda, Shostakovitch kien miżmum bħala kewkba ġdida fis-sema mużikali Russu. Tistagħġeb kemm hija kbira l-umiltà tiegħu għax għalkemm kemm-il darba qala' ħasliet uffiċjali minħabba t-teknika tal-bċejjeċ mużikali tiegħu, huwa dejjem fisser ruħu lest biex jitgħallem mill-"kritika ġusta" ta' l-ideali ġodda. Ma nħossux xogħol ta' jdejja li naqta' s-sentenza tal-polemika li qamet sena ilu bejn Huxley u Lysenko dwar it-teorija bijoloġika tax-xjenzat Russu Michurin. Bi ħsara kbira għall-progress xjentifiku, illum fid-dinja m'għadx hemm xjenza waħda li tasal għal veritajiet kif juru l-fatti u l-esperimenti, xjenza li ma tagħrafx dixxiplina oħra ħlief dik li titlob hija nfisha. Illum twieldet xjenza Sovjetika li għandha l-parrini tagħha nies tal-politika li jridu ijassru kollox għal-linja tal-partit.

Hawnhekk irridu nieqfu għal ftit u niżnu fil-miżien tal-kritika, bla preġudizzi xejn, il-wirt tal-ġenju letterarju Russu, mifrud f'żewġ taqsimiet bil-ħajt diviżorju tar-Rivoluzzjoni. Fuq iż-żewġ naħiet tal-ħajt għandek gvern tirann. Il-letteratura kif fehmuha u fissruha l-aħjar kittieba u poeti ta' żmenijiet il-Kżar, jeħtieġ tkun letteratura ta' idejat u ideali, torċa li turi d-dawl ta' l-ispirtu lill-bniedem imħeddel bil-ġlieda għall-ħobżna ta' kuljum, qawwa li tkun minn ta' quddiem fil-ġlieda għall-progress u l-libertà. Kif għanna l-poeta nazzjonali Pushkin,

mill-qlub tad-devoti tal-letteratura, imissu joħroġ kor qawwi "li jgħanni l-ħelsien lid-dinja u jisħaq il-vizzju bil-qiegħda fuq it-tron." Għalhekk il-letteratura għandha skop ieħor x'tilħaq, dmir ieħor x'taqdi — tnaddaf il-ħajja tan-nazzjon bil-għajta tal-protesta u bil-kritika ħielsa tal-vizzju. Taħt l-ebda għamla ta' gvern ma tista' tiġi nieqsa din il-missjoni tal-letteratura. Il-prożaturi u poeti ta' qabel ir-Rivoluzzjoni għalkemm bi tbatija kbira, ma qatgħu qatt li jgħollu leħenhom kontra l-inġustizzja u t-tirannija, imma taħt il-gvern tallum, il-letteratura, trid jew ma tridx, ma fadlilhiex tifsira oħra ħlief dik ta' qaddejja mħallsa u servili ta' sinjuri politiċi. Qatt leħen ta' protesta; qatt mistoqsija ta' kif u l-għaliex. Ir-ras titbaxxa 'l isfel u l-ilsien igħid iva. Għalhekk fil-letteratura Sovjetika m'għadx baqa' ndividwalità fil-ħsieb, fil-kelma, fil-għamil.

Wara li tajna l-kwadru ikrah tal-ħajja artistika Russa, u wara li l-verità tal-jasar tal-ħidma artistika ħarġet weħidha mill-eżempji li ġibna, ikun fadlilna naqilbu l-folja biex inħarsu lejn il-kwadru isbaħ tal-qima, għajnuna u nkuraġġiment tal-kultura, skond kif jifhmuha huma. Dak li għandhom nieqes fil-libertà ntellettwali tagħhom, il-kittieba, kompożituri u u xjenzati Russi tallum għandhom żejjed fil-ħajja materjali tagħhom, paxxuta u meqjuma. Il-kittieb Sovjetiku meta tiġih ix-xoqqa f'moxtha, iħobb jitfissed u jgawdi. Meta bdew jitħaddmu l-Pjanijiet ta' Ħames Snin li biddlu r-Russja f'pajjiż industrijali mill-akbar, il-Kummissarjat tal-Poplu kien jieħu ħsieb jibgħat poeti u prosaturi fuq il-post fejn tkun qiegħda tinbena xi fabbrika, tinfetaħ mogħdija ġdida għax-xmara biex issaqqi l-art niexfa, jinbeda xi proġett kbir għar-rijorganizzazzjoni tal-biedja u xogħol ieħor bħal dan, biex "jirrapurtaw" x'raw, jagħtu l-impressjonijiet tagħhom, u jiktbu xi rumanz ukoll fejn ifaħħru l-bżulija u l-ħeġġa tal-ħaddiema u r-riżultati tajba tal-komuniżmu fil-prattika. Fost ir-rumanzi li nkitbu f'dan il-perjodu nsemmu "Il-Ħamrija Mqallba" ta' M. Sholokhov li jurina l-ħajja tal-bdiewa Kosakki qabel u wara r-Rivoluzzjoni. Inħallu l-Pravda tgħidilna kif kien isir dan is-safar organizzat: "Kbira kemm hi kbira d-distanza, kienu x'kienu l-ispejjeż, il-kittieba tagħna jintbagħtu fuq intrapriżi qodma u ġodda, fuq xogħlijiet ta' kostruzzjoni, irziezet kollettivi u statali, vjaġġi twal, spedizzjonijiet għall-Pol ta' Fuq u t'Isfel u titjiriet li jiksru r-rekord. F'ġieħ is-sewwa, jeħtieġ nammettu li l-kittieba tagħna jħobbuh is-safar, imma l-biċċa kbira minnhom jew ma jinqdew xejn fil-kitba tagħhom b'dak li tgħallmu jew meta jinqdew bl-esperjenza tagħhom, ma jogħġbuna xejn." Barra minn hekk, il-kittieba Russi, la darba ċ-ċertifikat tat-twemmin politiku tagħhom ikun

tajjeb, isibu l-mezzi kollha tal-propaganda ta' l-istat wara dahrhom biex ighinuhom fil-bejgh tax-xoghlijiet taghhom. Il-pubbliku Russu li jaqra żdied aktar minn tlitt darbiet mir-Rivoluzzjoni 'l hawn u awtur li l-fama tieghu tkun soda, idahhal ġeġgul flus mix-xiri tal-kotba tieghu. Hemm ukoll il-Premju Stalin li jinghata kull sena ghall-ahjar xoghlijiet letterarji, proża u poeżija, li minflok xi medalja mwahhla fuq sider ir-rebbieh, iġib mieghu kemxa flus li tista' tlahhaq il-100,000 rublu.

X'kotba jaqra u x'mużika jhobb jisma' l-poplu Russu? Meta l-pubbliku jixba' jaqra rumanzi u drammi miktubin minn awturi Sovjetiċi, jaqa' ghall-klassiċi. Pushkin, Gogol, Dostoevski, Tolstoy u hafna poeti u prożaturi ohrajn ta' qabel l-1917, mhux biss instabet formula ghalihom, (wara xi ftit tahbit u hafna kritika politika bahnana) biex ikunu jistghu joqoghdu fis-sistema ta' Marx u Lenin, imma l-kritiċi Russi tallum ma jixbghux jagh-tuhom il-qima u t-tifhir taghhom. Il-qarrej Russu jiġu f'idejh ukoll xoghlijiet t'awturi barranin, nghidu ahna, G. B. Shaw u Priestley, li huma mahbubin wisq ghall-element soċjali li jdah-hlu fil-kitba taghhom. L-istess haġa nistghu nghidu ghall-kom-pożituri Russi ta' żmenijiet il-Kżar. Tchaikowsky li ghamel xi żmien traskurat mill-pubbliku ghall-pessimiżmu ta' xi bċejjec mużikali tieghu, illum huwa wiehed mill-iktar kompożituri mah-bubin mill-poplu. Ir-Russja ta' Stalin lanqas ma hi xhiha biex tfakkar 'l uliedha l-kbar li bnew monument ta' mhabba f'miljuni ta' qlub mad-dinja kollha. F'eghluq l-erbghin sena mill-mewt ta' Anton Chekhov, drammaturgu u kittieb ta' stejjer qosra, twaqqfu żewġ monumenti b'tifkira t'ismu; inghataw *scholarships* lil studenti tal-letteratura u filoloġija; issemmew toroq ghalih; id-dar fejn kiteb id-drammi mmortali tieghu nbidlet f'mużew taht it-treġija t'ohtu, Marija Chekhova. Fl-1937, biex ifakkru ċ-ċentinarju ta' Alexander Pushkin, il-poeta nazzjonali, saru ċelebrazzjonijiet liema bhalhom mar-Russja kollha u ghalhekk sehhet il-ftahira ta' dal-poeta li: "l-versi tieghi ghad jinstemghu mal-wesghat kollha tar-Russja u r-razez taghha kollha jibqghu jghannuhom; il-wild kburi Slaviku, il-Finlandiż, it-Tungus ghadu mhux immansat u l-Kalmuk li jghammar fil-pjanuri." F'ittra miktuba lit-*Times Literary Supplement* tas-17 ta' Lulju 1949, naqraw fuq Leo Tolstoy li qieghda ssir edizzjoni ta' kull ma kiteb f'hajtu, b'kollox 96 volum. L-ittri tieghu biss jiehdu tletin volum. Kull haġa li hija marbuta jew messet mieghu tul hajtu, 1,000,000 oġġett b'kollox, jinsabu fil-hames mużewiet mibnija ghal ismu. Elufijiet kbar ta' nies iżuruhom ta' kull sena.

Din il-ġirja hafifa madwar il-hajja ntellettwali fir-Russja ta' żmenijietna hija fiha nfisha biżżejjed biex tipprova lilna,

l-ulied ta' l-Ewropa tal-Punent, li mill-Ivant hierġa ċiviltà aggressiva li hija l-akbar sfida lil elfejn sena ta' storja Nisranija. Mewġiet oħra ta' theddid ġejjin min-naħa tal-Ivant ħabbtu mal-bibien taċ-ċiviltà Ewropea fl-imgħoddi, imma dabu fix-xejn għax kienu neqsin minn bażi filosofika. Imma l-kommuniżmu jistrieħ fuq il-blata tas-sistema filosofika li waqqaf Marx u d-dixxipli tiegħu. Il-Kommuniżmu jidhirlu li n-natura tiegħu hija wiesgħa biżżejjed biex jagħti tifsira xierqa u tajba ta' kull ma jiġri fil-ħajja. Għalhekk, billi għandu xi jwiegħed u xi jħabbatha ma' dotrini oħra, huwa sħiħ u perikuluż. Aħna li qegħdin ngħixu llum ninsabu maqbudin fil-belliegħa ta' żewġ kurrenti qawwija, wieħed kontra l-ieħor. Sebgħin sena ilu, il-ħabbar tal-Kommuniżmu, Fjodor Dostoevski, qiegħed dawn il-kelmiet profetiċi f'ħalq wieħed mill-karattri tar-rumanz L-AĦWA KARAMAZOV: "U jekk nazzjonijiet oħra jagħmlu wisa' lir-Russja, dan jagħmluh mhux għax jirrispettawha...... imma biss għax għandhom biża' minnha. Biża' u stmerrija. U jagħmlu tajjeb li jwarrbu; imma forsi għad jasal il-jum li flok ma jwarrbulha, jibnu ħajt qawwi kontra din id-dehra maħruba u jwaqqfu l-ġirja miġnuna u bla rażan tal-barbariżmu tagħna, biex isalvaw il-ħelsien, il-kultura u ċ-ċiviltà tagħhom. Mhux darba jew tnejn li smajna leħen ta' allarm fl-Ewropa, u isma', qiegħed jerġa' jinstema'. Ma nisfidawhomx aktar! Ma nkomplux inżidu u nkattru l-mibegħda tagħhom kontrina!"

ĠORĠ CASSAR.

---

## IT-TEATRU MALTI

żmien il-mirakli għadda. Ma jistax ikollna palk tajjeb mingħajr letterati tajbin, u mhux letterat tajjeb min f'ħajtu ma laħaqx daħal 'il ġewwa fl-istudju tal-letteratura ta' l-Ewropa. Li mbagħad tippretendi li tasal biex tikteb dramm mingħajr ma tistudja l-lingwa li tikteb biha hija ħaġa tad-dinja l-oħra li ssibha Malta.

I.

## ĦSUS: LIL KEATS U SHELLEY

*Lil J. Sammut li silifni ktieb*
*ta' siltiet mill-kitba tagħhom.*

*Nibki bil-ġmiel u l-ferħ li jaħkmu fija,*
*inħossni qiegħed negħreq fil-ħlewwiet,*
*indub f'tiżwiq is-sliem ta' l-armonija,*
*ninħall f'baħar bla tmiem daqs is-smewwiet,*
*xħin, riekeb fuq ġwenħajn il-Poeżija,*
*nittajjar dwar il-qċaċet ta' l-għoljiet*
*li intom, żgħażagħ Spirti tas-Sbuħija,*
*waqqaftu fuq din l-art f'mijiet t'għanjiet.*

*Qiegħed immut kull jum, magħfus mill-Ħajja;*
*għalissa ħadd ma jaf min jien u x'jien:*
*Poeti, imlewni, bħalma l-mewġ lill-plajja,*
*b'vulkan ta' Ħeġġa jikbes bin-nirien,*
*ħa ngħanni mingħajr nifs versi bil-qtajja'*
*li jgħixu daqskemm jgħix fi żmienu ż-Żmien!*

29/iv/50.

II.

## FIL-QARI TA' L-ITTRI TA' JOHN KEATS

*Oh! li kont nista' nbill il-pinna mriegħda*
*fid-demm marrad ta' sidrek qed inin,*
*kieku bil-versi li rrid ngħanni jiena*
*kont nagħsar il-qlub iebsa tal-bnedmin.*

*John Keats, int tassew kbir, inti l-poeta*
*li twieled, għex u miet għall-ġmiel mikrum;*
*ġrajjitek, min jaqraha, tqanqallu l-ħniena,*
*u b'qalb maqsuma jibki għandu jdum.*

*Oh! jien tgħannaqt u skirt b'inbid il-ħlewwa*
*u doqt, fis-sakra, ġenna ta' sbuħija,*
*xħin xrobt mill-kus nadif t'għanjitek kbar;*

*imm'oh! b'dawn l-ittri nifhem iżjed sewwa*
*x'ġenju mill-ifjen kont u xi sjufija*
*ta' qalb kellek ġo fik, bajda bħaż-żah'r!*

7/8/50.

III.

## LIL KEATS FL-AĦĦAR SIGĦAT TIEGĦU

*Wara li ħriġt qalbek bħal nixxiegħa*
*ta' għana hekk sabiħ, hekk ħelu w ċar,*
*u ħloqt kotriet ta' ward b'nifs ir-Rebbiegħa*
*b'ħeġġa li tisboq l-ilsna qliel tan-nar,*
*narak, oh Keats!, b'dawn l-ittri, f'dik is-siegħa*
*meta l-mard kiefer ma' żgħużitek dar,*
*narah bil-qajl il-qajl qiegħed jitfiha*
*u ħolmok magħha jdub u jgħib fiċ-ċpar:*

*Oh! li kont Severn, ħdejk fil-belt ta' Ruma,*
*b'ħarsti mbikkija msammra fuq dik tiegħek —*
*ħarsa ta' ħajja li da'qt tkun mitmuma,*
*ħalli kont nitlob ħniena lin-Natura*
*li tgħajjxek hieni b'Fanny ġewwa driegħek,*
*imqar jekk flokok jien immut bla sura!*

8/8/50. MANWEL CASSAR.

## THEWDIN

(wara li qrajt il-poeżija
bl-Ingliż "Lord Randal")

*Xinhu dat-taħbit li qed nisma' f'widnejja?*
*Xi ħadd qed iħabbat...... hemmhekk, wara l-bieb!—*
*Mhu xejn, maħbub ibni, midd rasek u orqod,*
*Ma jien nisma' xejn ħlief il-biki ta' klieb.*

*Għid, ma, għid xinhu dat-taħbit li qed nisma'?*
*Xi ħadd qed iħabbat...... hemmhekk, wara l-bieb! —*
*X'int iblah, min tridu dal-lejl iħabbtilna?*
*Serraħ rasek fuq sidri, u neħħi dal-ħsieb.*

*Mur iftaħ, mur iftaħ, iddumx, qed jistenna,*
*Xi ħadd qed iħabbat...... hemmhekk, wara l-bieb! —*
*Dan kollu delirju. Dan ħolm. Strieħ u orqod*
*Ħalli għada tqum tiġri w tiltaqa' mal-ħbieb.*

*Naf, ma, jien wasal fl-aħħar liwja ta' ħajti,*
*Xi ħadd qed jimbotta w jed jiftaħ il-bieb! —*
*Le, ibni, int għadek fl-aħjar ta' żgħużitek,*
*Għad baqa' biex tagħlaq ta' ħajtek il-ktieb.*

*Warrab, nitolbok, did-dehra minn moħħok,*
*Irrideк li tfieqli, irridek titjieb. —*
*Tard wisq, għażiż'ommi...... hemm, ara, l-Mewt riesqa......*
*Bla kliem u bla sliem qiegħda tiftaħ il-bieb.*

27/2/50 ĠUŻE' CHETCUTI.

## LILL-IMDINA

*Minn fuq dik l-gholja int rajthom kemm-il darba*
*Telghin l-eghdewwa ghalik, ja Belt Qadima.*
*Int tajt lil bosta wlied l-aħħar tislima*
*U ħsilt bid-dmugħ l-iswar b'demmhom imxarrba.*

*'Ma ġriet l-aħbar ta' ferħ: mit-triq imġarrba*
*Għaddejtu lil Ruġġier fost l-akbar qima.*
*Mill-ġdid tjassart...... Saflaħħar, bi tbissima,*
*Lin-nies ta' Napuljun rajthom imħarrba.*

*Illum, fis-skiet, tiftakar dawk il-ġrajja......*
*U tibki lill-ulied li ssieltu miegħek*
*Biex ma jarawha qatt lil Malta lsira.*

*Ghalhekk, bħal ċimiterju, bqajt bla ħajja:*
*U n-nies tirfes bla ħoss...... fuq l-oqbra tiegħek,*
*Taħseb fl-eroj qalbiena ta' dil-Gżira.*

* * *

## IL-MISTERI TAN-NATURA

*Fil-qalb ta' l-univers fejn hemm miġbura*
*L-egħġubijiet tal-ġmiel, tal-lwien u d-dija,*
*Hemm il-misteri kbar, sa fl-iċken fjura,*
*Misteri minsuġin b'għerf is-sbuħija.*

*Fl-għerien ta' l-oċejan kull lewn u sura*
*Ta' ħut, arzell u qroll; taħt l-art moħbija*
*Djamanti u ġawhar; deheb fis-sema u ħmura...*
*U blu ħolliem ta' lejla saħħarija.*

*Misteru fl-iċken qamħa u f'kull żerriegħa,*
*Misteru d-dawl, l-għajnejn, il-mewt u l-ħajja,*
*Misteru l-qalb tal-bniedem b'kull ma fiha.*

*Alla misteru: u mill-essenza Tiegħu*
*Mal-ġmiel li ħalaq xerred frak bi qtajja'*
*Biex nagħ'rfu ċ-ċokon tagħna u kobor Drieghu.*

DUN FRANS CAMILLERI.

## TRANSITANEA

*Hemm bidu għal kollox;*
*hemm tmiem.*
*Il-qamar li twelled id-dalma tal-lejl*
*imċajpar, marradi, musfar,*
*jintilef ġol-iżraq ta' għodwa xemxija*
*xħin jerġa' jiċkien u jisfar*
*u l-lejl jibqa' mdallam tul xahar.*
*Ix-xita li traxxax tul xitwa imxarrba*
*bit-tajn u ċ-ċaflis*
*tintilef fin-newba tal-ward u t-tpespis.*
*It-tama li tiftaħ*
*bħal qronfla kemm kemm*
*tinsteħet bil-ħarta tan-niket u l-hemm.*
*Il-milja tad-dwejjaq li taqsam il-qalb*
*tisserraħ bil-mewt u bit-talb......*
*Hemm bidu għal kollox;*
*hemm tmiem.*

*Imm' oh! bejn il-bidu u t-tmiem*
*kemm żifna ta' ħajja, ta' ġmiel u ta' sliem!*
*Kemm ljieli ta' seħer,*
*kemm ġonna ta' ward,*
*kemm Ġunju jixxala bil-ħala tal-lwien u taż-żmien!*
*U f'nofshom hemm int!*
*Hemm inti sabiħa*
*bħal warda ta' Mejju,*
*bħal ġilju tal-wied,*
*bħal xemx ta' filgħodu*
*li tfernaq qalb l-aħmar u l-ikħal u l-isfar fis-skiet;*
*bħal raxxa ta' kwiekeb fl-għaxija*
*li tisraq l-għajnejn,*
*bħal ġirja ta' xmara qawwija*
*li taqta' nifisha biex tgħib f'tal-baħar ix-xejn!*

8/vi/'50. WALLACE GULIA.

## U JERĠA' JISBAĦ

Nocturne

*Ejja, dlam, ejja:*
*Narak titkaxkar wara sħab smewwieti,*
*Beżgħan li ttemm in-nisġa ta' ġrajjieti,*
*Ejja, dlam, ejja.*

*Infirex fuqi,*
*Iġborni fik, id-dawl tal-jum itfili,*
*Tregħid u qsim il-qalb u dmugħ ħallili,*
*Infirex fuqi.*
*Għattini b'libstek,*
*Istorli d-dehra tal-mibegħda u l-ħjiena,*
*Ifridni mit-tellix tat-"Tiegħi" u l-"Jiena",*
*Għattini b'libstek.*

*Żommni fi ħdanek,*
*Nessili l-frugħa ta' mħabbiet imwiegħda,*
*Taffi x-xenqat u l-għatx ta' qalb imriegħda,*
*Żommni fi ħdanek.*
*Ejja, dlam, ejja,*
*Inżel fi ħsiebi, keċċi l-ħolma kerha*
*Ta' ħaqq giddieb li f'art ħawlija nżera'.*
*Ejja, dlam, ejja.*

*Dur, dalma, miegħi,*
*Sikket l-għajjat tal-bhejjem ta' madwari,*
*La tħallihomx jeqirdu s-sliem ta' dari,*
*Dur, dalma, miegħi.*
*'Tini s-serħ tiegħek,*
*Raqqadni fik, idfen il-hemm ta' jiemi*
*F'qalb min hu ħati ta' dal-għawġ dejjiemi,*
*'Tini s-serħ tiegħek.*
*Ja lejl sewdieni,*
*Ifrex il-ġwienaħ fuq in-nagħsa tqila*
*Ta' qalb għajjiena wara ġlieda twila,*
*Ja lejl sewdieni.*

*Għada xħin jisbaħ,*
*Ix-xemx ħanina ta' żgħużija mħarrba*
*Terġa' tiddi f'għajnejn bid-dmugħ imxarrba,*
*U jerġa' jisbaħ.*

Val. V. Barbara O.P.

## EPIGRAMMI

Il-Banda tat-tieġ tar-raħal.

*Iżfnu għarajjes, agħmlu ta' bir-ruħkom*
*li d-daqq sabiħ u mhux qisu tal-landa,*
*u jalla l-armonija ta' bejnietkom*
*tkun ftit aħjar minn dik ta' bejn il-banda.*

* * *

## IL-ĦAMIEM

*Dejjem bajda w beċċun, jisraq mart sieħbu,*
*ibarqam u jiġġieled mingħajr tmiem;*
*u ntant arah b'fergħa żebbuġa f'ħalqu*
*għaddej itir ħabbar ta' safa w sliem.*

* * *

## DUN SPIR

*Bir-riga tal-kuxjenza Dun Spir sewwa*
*mar kejjel lil kull min talbu jkejjillu;*
*'mma meta kien ikejjel lilu nnifsu*
*kien iġebbidha ftit sa fejn jaqbillu.*

* * *

## IL-VAPUR

*Għadda l-vapur u qanqal tranja kbira,*
*li bandlet il-qxur kollha kull fejn tmur;*
*'mma meta jgħib fil-bogħod u tmut it-tranja,*
*min ser jiftakar iżjed fil-vapur?*

ANTON BUTTIGIEG.

## LILL-MUŻA

*Tini mill-ilma li mill-blat jissaffa;*
*Id-diwi, jmewweġ ħelu, tat-tqattir fl-għadajjar;*
*Is-sema roża fin, taħt bews ix-xemx, mistħija;*
*U l-ħajja tal-widien tal-iġbla hielsa u x-xmajjar.*

*Nisker irrid fil-għana li minn sidrek*
*Firex fuq ħsiebi star ta' ħolma bnina;*
*Bħal meta Iben Vienna mill-ħlewwa tad-Danubju*
*Xorob, siker hu u ried 'ilkoll jisqina.*

*Nixxennaq ta' sikwit għal leħnek bla ma nista'*
*Darba biss narak jew inħaddnek ġo dirgħajja;*
*Darba biss mill-għasel ta' xofftejk nitrejjaq,*
*Jew noħlom miegħek tul iż-żmien qasir tal-ħajja.*

*Imma ta' sikwit inħossok tersaq ħdejja,*
*U nħossni bħal nixxaħxaħ f'ħolma ta' tgawdija;*
*Bewstek taħraq taħraq tnissilli ġewwa qalbi*
*Holqa ġdida ta' mħabbitna, iċ-ċkejkna Poeżija.*

15/11/50. G. B. CASSAR.

## SONAT' APATHETIQUE

*Bla xogħol bla flus bla tama*
*Il-ħbieb ħallewni kollha*
*Inħossni qisu agħma*
*Imħawwad ġewwa l-folla.*

*Spiċċaw l-ilwien tal-ħajja —*
*Imħabba ferħ tbatija —*
*Id-dinja kollha mċajpra*
*Bil-griż tal-apatija.*

*Ma baqax xemx u xita*
*Sem' ikħal sema nar*
*Il-ġmiel tad-dinja nheba*
*ġod-dħaħen u ġoċ-ċpar.*

* * *

## UN HOMME.....

*un homme comme les autres,*
*un homme parmi tant d'autres,*
*et pourtant......*
*(versi minn għanja ta' Edith Piaf,*
*chanteuse parisienne).*

*Ras kbira fuq għonq twil, spallejn inkwieta,*
*sider dejjaq, riġlejn aħjar moħbija,*
*xagħar (kif?) jista' jkun fih xi sbuħija,*
*għajnejn, imnieħer, ħalq, bla ġmiel it-tlieta;*

*idejn rotob; ħaddejn, leħen mitfija;*
*widnejn tajbin, għajnejn magħkus' għajjiena:*
*tiflmaraġel fil-ġisem, moħħ u ħjiena:*
*it-tilqitiet magħquda bi tbatija.*

*Twieled ġo dar miġġielda w dinja mħawda;*
*meraħ fejn ried bil-moħħ bla lġiem imtajjar:*
*ried jogħla 'l fuq u jikber f'daqqa waħda.*

*Ta tort lil niesu, 'l artu, 'l żmenijietu;*
*għax ċaħad kollox ma ħa xejn ħlief ċaħda*
*u minflok sar dawl kbir id-dinja tfietu.*

MARĊELL MIZZI.

# OPRA LETTERARJA SPANJOLA - MALTIJA

JEW

**Kommentarju ċkejken fuq it-traduzzjoni ta' 'Il-Vjatku" ta' DUN KARM**

Ghal żewġ ghanijiet partikulari ridt naghżel bħala suġġett tad-diskors qasir tiegħi tal-lejla waħda mill-isbaħ poeżiji tal-kbir poeta nazzjonali tagħna, il-Monsinjur Professur Carmelo Psaila, jew aħjar, kif nafuh ilkoll, "Dun Karm". Il-poeżija li fuqha se nitkellem illum hija dik imsejħa 'Il-Vjatku'. Imma ġa qiegħed nisthajjilni nismaghkom tistaqsuni għal liema raġuni mort naghżel kompożizzjoni ta' kittieb malti meta il-laqgħat tagħna hawnhekk ghandhom qabel kollox bħala għan it-tixrid tal-kultura ispanika. U għaldaqstant naħseb li intom tgħiduli: Għaliex ma tħallix li dan is-suġġett jiġi ttrattat minn persuni oħrajn u f'ċirkostanzi differenti? jew forsi wkoll, x'għandha x'taqsam il-poeżija ta' Dun Karm ma' dak li ċ-Ċirkolu Malti ta' Kultura ispanika jippretendi li jagħti lill-imseħbin tiegħu? Għalhekk mela biex nevita li jsiruli xi mistoqsijiet oħra bħal dawn, irrid inħaffef ngħidilkom liema huma r-raġunijiet għall-għażla tiegħi

Tal-poeżija 'Il-Vjatku' kienet saret xi snin ilu traduzjoni eċċellenti għall-ispanjol, u traduttur tagħha kien xejn inqas mill-poeta Patri Ġużeppi Delia S.J. u li huwa llum Provinċjal tal-Ġiżwiti f'Malta. U minħabba li kemm l-awtur ta' 'Il-Vjatku' kif ukoll it-traduttur tagħha huma żewġ maltin mill-aħjar u ispanisti t-tnejn, jiena ħassejtni mhux biss ġustifikat, imma saħansitra wkoll, u ħafna hekk, imkabbar li nġib għall-għarfien tagħkom u, b'xi mod li nokkomenta opra ta' żewġ poeti konnazjonali.

Mhuiex il-ħsieb tiegħi li nitkellem hawnhekk fuq 'Il-Vjatku' fil-għamla oriġinali tagħha, jew aħjar hekk kif hija ħarġet mill-pinna mirquma ta' DunKarm għax dik kienet tkun żgur ħaġa barra minn postha f'laqgħa ta' ispanisti—iżda dak li f'dan il-waqt għandu jokkupana b'mod partikulari hija t-traduzjoni spanjola li ħallielna l-Patri Delia, għalkemm aħna ma nonqsux li nagħmlu wkoll xi referenzi għat-test malti skond ma jkun meħtieġ.

Jekk inqabblu t-traduzjoni ta' 'Il-Vjatku' ma' l-oriġinal wieħed ma jdumx wisq ma jintebaħ li l-melodija tal-versi tibqa' eżattament xorta waħda, kif ukoll il-forma metrika tagħha. Infatti din hija oda saffika ta' ħmistax-il strofa, jiġifieri, żewġ strofi iżjed milli fl-oriġinal. Kull strofa hija magħmula minn tliet versi tal-ħdax (endekasillabi) b'waqfa (ċesura) wara l-ħames sillaba, iżda bl-aċċent fuq ir-raba', u minn kwinarju (adonio) issa bl-aċċent fuq l-ewwel u r-raba', issa fuq it-tieni u r-raba'. Fit-

traduzjoni tiegħu l-Patri Delia idaħħal xi tiġdid (innovazjonijiet) li huwa jippreżenta lill-qarrejja tiegħu bħala propri u oriġinali; u dan ifisser li Patri Delia ma qabadx it-test malti u qalbu kelma b'kelma, għax jidhirli jien, li t-traduzjoni letterali hija ħaġa assurda u għaldaqstant ma nemminx li tista' qatt tintlaħaq (tirrealizza ruħa). Iżda kif għamel Patri Delia, avolja biddel, naqqas u żied, hu ma ssagrifikax l-anqas naqra waħda biss il-ħsieb ġenerali ta' l-awtur. Dawn huma biss tibdiliet artifiċjali magħmulin b'ħafna għaqal u b'sengħa kbira. Għalhekk mela nistgħu ngħidu mingħajr ebda biża' li t-traduzjoni ta' 'Il-Vjatku' hi tajba. Għaliex? Għax hija taqdi lill-ispirtu u lill-intenzjoni waqt li tfittex wkoll li tilħaq fil-forma effetti li jixxiebħu. U aħna li nafu tajjeb it-test oriġinali nistgħu naraw li hemm eżattezza — eżattezza fondamentali li permezz tagħha dak li huwa sabiħ bil-malti jibqa' wkoll sabiħ bl-ispanjol, u kważi ngħid, bl-istess ġeneru ta' sbuħija. U dan juri, allura, li t-traduttur huwa mogħni b'sens letterarju iktar milli b'sempliċi tagħrif filoloġiku.

Xi daqqiet it-traduttur tagħna iwarrab għal kollox xi frażi sħiħa u jdaħħal minn flokha kelma waħda biss, u dan kollu huwa jagħmlu b'effikaċja kbira u b'effetti li jgħaġġbu. Biex naraw dan kollu li għidna nagħtikom hawn taħt xi strofi bil-malti u bl-ispanjol li jistgħu jservuna wkoll ta' paragun:

*"Kemm tmedd il-ħarsa ħadd ma jidher barra;*
*Xi waqt jinstama' mixi mgħaġġel, tgħaddi*
*Xbieħa sewda fit-triq u tgħib: xi roti*
*Fil-bogħod igergru."*

u bl-Ispanjol:

*"De muerte reina soledad y calma ....*
*Rápidos pasos de viajero ignoto*
*A veces se oyen... una sombra negra*
*Cruza ligera."*

Forsi, kif tistgħu tosservaw ukoll intom, il-vers: "De muerte reina soledad y calma ....", jesprimi qawwa ta' ħsieb akbar minn dak fl-oriġinal, għaliex jien jidhirli li l-kelma "muerte" (mewt) tiġbor, fil-milja kollha tagħha, l-essenza tax-xejn, ta' dak il-baħħ jinħass li, skond l-awtur, kien jimla t-triq. Ukoll, l-aġġettiv avverbjali 'ligera' ifisser tajjeb ħafna dak li Dun Karm qalilna bil-verb "tgħib", jiġifieri, li b'tant ħeffa dan id-dell (sombra) kien jaqsam it-triq li fil-waqt stess li kont tarfa' għajnejk ħalli taraħ, huwa jkun ġa għâb għal kollox.... F'din l-istess strofa wkoll iħalli barra Patri Delia il-ħoss magħmul mir-roti ta' xi nġenji jgergru fil-bogħod, bla ma b'daqshekk tisfa nieqsa t-traduzjoni.

Strofa oħra wisq simpatika u li togħġob ħafna hi ċertament dik li tgħid:

*"Tras de los vidrios de las nudas casas*
*Arde la llama de una débil vela;*
*Junto a sus hijos la piadosa madre*
*Ora en silencio."*

Għax b'dawn il-kelmiet it-traduttur għaraf joħloq xena wisq oriġinali, mimlija kollha ħlewwa u tenerezza li ma kienitx qabel fl-oriġinal; araw id-differenza:

*" : jidhru*
*It-tfal fit-twieqi, wara l-ħġieġ, u f'nofshom*
*Nies għarkobbtejhom."*

Minn jaf jekk ftakars Patri Delia, waqt li qaleb għall-ispanjol din il-frażi, fil-jiem qatt minsija ta' tfulitu meta kien għadu ma jistax jakkompanja l-vjatku flimkien mat-tfal l-oħra tar-raħal tiegħu, li kienu jġorru f'idejhom ċkejknin fanali mixgħula, u minn wara l-ħġieġ tat-tieqa kien joqgħod jara għaddej lil Ġesù, u għarrkobbtejh, kien jitlob ma ommu, u miblugħ kien joħlom ħafna ħwejjeġ sbieħ, ħwejjeġ tas-sema.

Kemm fl-oriġinal kemm ukoll fit-traduzjoni spanjola, l-istrofa l-aktar sabiħa u l-iktar poetika hija bla dubju din li ġejja:

*"Oh Tagħlim il-Feddej! Oh Emma Mqaddsa!*
*Kemm intom sbieħ! Kemm fikom għerf tas-Sema!*
*Oh Tjieba ta' bla tarf, int biss stajt tagħmel*
*Dal-ġenn ta' mħabba!*

U l-Patri Delia għaraf tant tajjeb jinterpreta din l-apostrofi li kienet tkun ħaġa tqila tgħid, li ma kienx għax ġa nafuha, liema hija l oriġinal u liema t-traduzjoni. Osservaw kemm hemm eżattezza:

*"! Que hermosos sois oh fé y doctrina santa*
*De nuestra redención! ! Oh Bondad sabia,*
*Tú sólo del amor esa locura*
*Crear pudiste!"*

Dak li nara biss differenti fihom hu li Dun Karm, mixgħul b'imħabba mill-aqwa lejn Ġesù Ostja u bħal maħruġ barra mis-sensi, mar igħanni bl-ikbar ħeġġa ta' qalbu din l-istrofa u qassamha fi frażijiet qosra, bħal kieku ried li kull waħda ssir innu ta' radd il-ħajr! Mill-banda l-oħra, il-Patri Delia, xejn inqas imħeġġeġ bl-imħabba t'Alla fl-Ewkaristija donnu ntilef f'estasi twila u f'nifs wieħed għanna l-għanja ħelwa li għadna kif smajna. Fi kliem ieħor, Dun Karm mar joffri lil Ġesù ġemgħa ta' bukketti żgħar, waqt li Patri Delia nisiġlu kuruna bl-isbaħ ward, li t-tnejn flimkien huma qatgħu fil-ġnien sabiħ tal-Poeżija.

It-tliet strofi li baqa' jżommu huma wkoll it-tifsira u s-sens oriġinali tagħhom, u bħal ta' qabilhom, jistgħu jingħadu huma wkoll oriġinali.

Fit-traduzjoni tiegħu ta' "Il-Vjatku" jiena jidhirli li Patri Delia laħaq għal kollox l-iskop tiegħu, għax jekk aħna nqabbluha mat-test bil-malti, aħna nsibu malajr li hu ma għamilx ħaġa oħra ħlief libbisha b'għamla kollha kemm hi spanjola, waqt li ħalliha essenzjalment maltija, minbarra li nissel fiha wkoll nota tanġibbli ta' oriġinalità fl-istess ħin. Igħidu li jridu l-kritiċi, imma jiena nemmen b'ruħi kollha, li ebda persuna oħra barra minn Patri Delia setgħet tkun aktar xierqa (idonea) biex taqleb fl-ispanjol poeżija bħalma hija "Il-Vjatku".

Għaliex fih jinsabu miġbura l-kwalitajiet kollha meħtieġa sabiex jifhem aħjar il-poeżija u saħansitra r-ruħ stess ta' Dun Karm. Kien ikun meħtieġ li t-traduttur ikun xi ħaġa iżjed minn sempliċi ammiratur ta' l-ilsna malti u spanjol. Kien ikun meħtieġ, ngħid, li t-traduttur ta' "Il-Vjatku" ikun, bħal Dun Karm qassis kattoliku, poeta, malti, u mhux inqas, wieħed li jaf tajjeb il-lsien u l-gosti letterarji tal-poplu spanjol.

Aħna għandna nħossuna midjunin lejn Patri Delia qabel xejn bħala maltin; għaliex bit-traduzjoni splendida tiegħu hu sata' jwassal għall-għarfien ta' miljuni u miljuni ta' spanjoli u ta' kemm jitkellmu bl-ispanjol waħda mill-aħjar poeżiji reliġjużi ta' l-immortali poeta nazzjonali tagħna. Bħala ispanisti għandna nkunulu obbligati wkoll, għaliex meta huwa għamlilna din it-traduzjoni hu tana l-ewwel tagħlima ta' kif għandna naħdmu bħala mseħbin ta' dan iċ-Ċirklu Malti ta' Kultura Ispanika. Fl-aħħarnett, hemm bżonn li ma jintesiex malajr l-eżempju tajjeb tal-Patri Delia, iżda li ħafna minna jidħlu għal xogħlijiet bħal tiegħu.

Ikun ċertament laħaq il-għan tiegħu iċ-Ċirklu Malti ta' Kultura Ispanika kieku kellu jitbiddel fi ġnien, biex ngħidu hekk, fejn jinbtu u jitrabbew imħuħ li jingħataw b'ħerqa għall-bdil (interkambju) ta' l-aħjar xogħlijiet ta' arti ta' maltin ma' dawk ta' spanjoli.

Hekk, u hekk biss, nistgħu naraw imġeddin u msaħħin ir-rabtiet ta' ħbiberija u ta' mħabba t'aħwa li sa minn żminijiet l-iżjed imbiegħda kien hemm dejjem bla ma qatt inkisru bejn il-poplu malti u spanjol.

ANTONIO FARRUGIA.

# IL-POEZIJA U L-VERITA'

*Veritas est adaequatio rei et intellectus. Veritas est adaequatio intellectus ad rem.* Il-verita hija l-qbil, il-konformità bejn l-idea li wieħed għandu ta' ħaġa u r-realtà ta' dik il-ħaġa fiha nfisha u fil-moħħ t'Alla. Meta ngħid, per eżempju:— "dil-karta hi bajda", dil-proposizjoni "taqbel" ma' dil-karta. Għandna relazzjoni, mhux bejn ħaġa u oħra imma bejn ħaġa u proposizjoni. X'inhi dir-relazzjoni? Il-karta hija materjal, darba biċċa minn siġra, il-proposizjoni hija mmaterjal, imma b'dana kollu jaqblu bejniethom, jikkorrispondu għax il-proposizjoni hi vera u jersqu lejn xulxin. Proposizjoni tersaq tista' imma qatt ma tista' "ssir" il-ħaġa nnifisha. *L-aktar li tersaq il-poeżija.

Meta Aristotile qal li l-poeżija għandha turi l-affarijiet mhux kif inhuma imma kif għandhom ikunu kien qed igħid waħda mill-ftit ħmerijiet li qal f'ħajtu. Il-poeżija għandha tolqot dritt u intuitivament u tqajjem fil-bniedem esperjenzi mgħoddija ta' ħajtu, kemm esperjenzi mentali, kemm emozzjonali, kemm dawk tas-sensi. Il-poeżija klassika l-biċċa l-kbira tqajjimlek awtomatikament esperjenzi tal-ħars u tas-smigħ u esperjenzi emozzjonali, dik romantika u dawk emozzjonali u dawk tas-sensi speċjalment tax-xamm u tal-ħass, dik moderna ġġiblek f'moħħok esperjenzi ċerebrali l-aktar u wkoll emozzjonali u tas-sensi. Imma dawn huma ġeneralizzazzjonijiet daqsxejn fiergħa.

Wieħed mill-metodi vulgari imma effikaċi li bihom proposizjonijiet jitwaħħdu mal-ħaġa (l-esperjenza) hija l-onomatopeja. Il-ħniena li nħossu għall-għasafar żgħar sejrin "pii... pii...' mitluqa fil-bejta jġibilna l-Pascoli bl-istess ħoss fil-vers:

"(*Ora è la, come in croce, che tende*
*quel verne a quel ciel lontano;*
*E il suo nido è nell'ombra, che attende,*)
Che pigola sempre piu piano."

*X. Agosto.*

Issa l-Pascoli ta' surmast kbir li kien mhux biss tana l-ħoss għarwien imma billi l-aħħar tlett "p" huma mżellqin itik l-idea ta' ħoss qed jonqos u jonqos.

Mod ieħor vulgari biex jitwaħħdu proposizjoni u l-ħaġa hu dak tal-futurista Franċiż Appollinaire li kien jikteb il-poeżija fil-forma materjali tal-ħaġa.

Il-kobor tal-poeżija hu, li ħafna drabi mingħajr dal-mezzi evidenti, il-poeta jirnexxilu ma nafux sew għaliex iġiblek esperjenzi u jerġa' jgħaddik minn stati emozzjonali tal-passat.

U. MIFSUD BONNICI.

*(Heidegger — "The essence of truth").

# GHIDUT FUQ MALTA FIL-LEBANON

Dal-aħħar iltqajt ma' wieħed tabib minn Bejrut, Dr. A. R. Labban, li qed jistudja hawn Londra. Tħadditna fuq ħafna ħwejjeġ, imma l-aktar fuq il-folklore Malti, li Dr. Labban qalli, jixbah wisq il dak ta' Lebanon. Mingħajr tiġbid ta' xejn minnaħa tiegħu, Dr. Labban semmieli kif it-taqbila tat-tfal tagħna "Agħmel, xita, agħmel" eċċ, jafuha hemm ukoll f'Bejrut; kif wieħed mill-qwiel li jagħti Vassalli fil-ġabra tiegħu i.e. Li jien kont emir u int kont emir, Li kieku min isuq il-ħmir?, igħiduh bħala għanja popolari; li l-ħrejjef tagħna ta' Ġaħan huma ftit mill-ħafna bħalhom, fuq l-istess Ġaħan, li nġabru f'kotba fil-Lebanon; li l-ħaġa moħġaġa tagħna.

Għandha x-xuxa,
Għanija u truxa,
Għandha s-snien
u ma tikolx

li aħna nfissru "Ras Tewm", huma jgħiduha l-istess, imma biex ifissru "sbula".

Imma l-aktar li laqatni l-mod kif Malta tissemma fil-folklore tal-Lebanon. F'dan il-pajjiż għandhom mill-inqas tlitt għidut li fihom tidħol il-kelma "Malta". L-ewwel waħda li sa nsemmi kont smajtha snin ilu m'għand is-surmast ta' l-istorja, is-sur Rokku Farrugia, u ħafna Maltin oħra naħseb jafuha. Hawnhekk sa nġibha kelma b'kelma kif igħiduha fil-Lebanon Dr. Labban għażilli kliem tagħhom jixbah il-Malti.

I. "Is-sultan jibgħat l-għaskar tiegħu l-baħħara li jiksbu Malta. U marru. Sitt xhur wara reġgħu Stanbul. Sa qallhom is-Sultan: "X'għamiltu?" Qalulu: "Fittixnieha Malta — u Malta yok!" (i.e. Malta ma teżistix). Malta yok! għadhom igħiduha sallum. Meta, ngħidu aħna, xi ħadd imur jixtri jew ifittex xi ħaġa u ma jsibhiex, imur lura u jgħid: "Malta yok!" (1)

II. Fil-ħrejjef li ġabar Patri Magri hemm waħda li tgħid fuq l-art ta' Bufies "imnejn ma jiġux nies." Tibgħat lil xi ħadd Bufies teħles minnu darba għal dejjem. (2) Fil-Lebanon meta trid teħles minn xi ħadd u tibagħtu 'l bogħod, igħidlu "Nitfgħu il wara Malta." Kif igħidu, dan l-għidut ġej mill-fatt li darba kien hemm Emir tal-Lebanon li waqaflu lis-Sultan u dan, meta rebaħlu, itturufnah Malta għax bħallikieku Malta kienet l-iżjed post imbiegħed tad-dinja.

III. Din ta' "wara Malta" tinsab ukoll f'logħba bil-boċċi li għandhom fil-Lebanon. Jilagħbuha qisha bħaż-"żorba" tagħna. Biss flok kaxxa kwadra jħażżu trijanglu fl-art. Min joħroġ

l-aħħar boċċa, jitfa' dik li tkun "ta' jdejh" il-bogħod kemm jista' b'sebgħu l-kbir mingħajr ma jaqla' s-sebgħa ż-żgħir minn ma' l-art. Iktar ma jwassal inqas l-oħrajn jistgħu "joqtluh" u jeħdulu kollox. Malli jitfa', igħidilhom: "Ilħquni 'l qafa Malta!" i.e. "Ejjew ilħquni issa wara Malta." Hawn l-istess idea li "wara Malta" post imbiegħed ħafna. Għalina din interessanti għax fostna għad hawn min isemmi "wara Malta," u Patri Magri, niftakar, jitkellem fuqha wkoll fil-Ħrejjef Misserijietna.

Dan il-ftit tagħrif 'il quddiem jiswa biex wieħed jagħmel studju u tiftix ieħor fuq l-għidut u t-twemmin ta' ġnus oħra fuqna u 'vice-versa'. Barra dak li jgħid Patri Magri dwar in-nisel tal-Maltin, sa fejn naf jien, Luret Cutajar kien ġieb f' "IL-MALTI" ta' xi għoxrin sen'ilu x'igħidu fil-Palestina dwar il-Maltin. Il-kittieb ta' din in-nota jilqa' kull tagħrif ieħor fuq das-suġġett li jintbagħat lill-Editur tal-"Leħen il-Malti".

Ġ. CASSAR PULLICINO

Londra, 4 ta' Frar 1951.

---

1) Dan l-għidut Mons. Feghalie jagħtih bħala wieħed mill-proverbji tas-Sirja fil-ktieb "Proverbes et Dictons Syro-Libanais" (Paris, Institute D'Ethnologie, 1938).

2) Dil-kelma hi mibnija minn Bu fies li m'għadhiex tinsab fil-Malti. Fid-dizzjunarju ta' Kazimirski nsibu l-verb *fas* imfisser *s'en aller, s'engager dans l'interieure des terres,* u għalhekk il-kelma *bufies* tiġi tfisser "x'imkien 'il bogħod". (Noti ta' l-Ed.).

---

B'sogħba kbira nfakkru fil-mewt tas-Sinjorina May Butcher li ġrat fil-21 ta' Diċembru, 1950. Ħabbet il-Malti, studjatu u kitbitu u rabtet isimha mal-ġrajja tal-Isien Malti bħala Membru Akkademiku tal-Kittieba tal-Malti. Alla jagħti lil ruħha l-mistrieħ ta' dejjem.

## ŻIEDA TA' KLIEM U TIFSIR

FADAL — Li jibqa', qliegħ, li jifdal. "Ma fihx fàdal", i.e. ma taqtax sandar bih.

FAĊĊOLA — *Mogħża faċċola, i.e.* bis-sing abjad fuq moħħa.

FAĦAL — Ħammiela twila.

FAĦĦAL, IFAĦĦAL — Iħaffer l-oħfla, i.e. ħmiemel kbar.

FALDU — Jaħdem bil-faldu, jiġifieri bil-pezez tad-drapp fuq spalltu bħall-lawzar tat-tużżana.

FALANGA — Sptar fejn jilqgħu n-nisa b'mard ħażin.

FANGAZZ — (mit-Taljan *fango*, tajn) Ċaflis.

FAQQAS — Raġa' lura mill-kelma. "Irid ifaqqas min-negozju; dak dejjem bit-tifqis; ma' kulħadd trid tfaqqas dik".

FARDA — Kutra.

FARĠ, FRUĠ — Mnejn għandek tinfaraġ; xi jbejjen mara minn raġel; ġens, sèss.

FARFETT — Għal Jannar il-farfett ibid fuq il-ħaxix tar-raba' bħall-kaboċċi u l-ġidra.

FARDGĦALLA — Bħal dak li qallu jġibha fard fil-għeliel tiegħu r-raba'; għalhekk nieqes mit-trab — jagħti bil-fard, (wiċċ wieħed, darba); bil-blat ħażin ħafif ma jagħtix.

FARTAS — *Dar fartasa,* i.e. bla fuq; flat.

FARTAJJA — xoqqa bajda ta' Malta.

FARRAXKA — Kiesħa, "mara farraxka".

FASSETTA — Għuda xi daqs xkupilja biex biha s-seffieħa mita tkebbeb il-ħajt jiġi merilli.

FARRETT — Qasma fil-laħam b'xi daqqa b'saħħa ta' xi ħaġa mxaffra li daħlet ftit il-ġewwa. Eng. gash.

FAXXINA — Il-ħatab tas-siġra. "Meta s-siġra tinfexx fil-faxxina qajla tagħmel frott".

FEĠĠA — Dehra ta' malajr. "Il-ħaqq deher bħal feġġa fis-sema u dieb". "Il-bniedem feġġa", i.e. jiġi kemm jara d-dinja u jmur, ifiġġ u jarġa' jgħib. *Feġġa* hija wkoll xewqa; "tagħtu feġġa" jew "ġietu feġġa".

FEKRUNA — Biċċa tal-milja. Il-għuda magħmula hekk, imwaħħla mal-*ġejża* biex tagħmel bħal toqba fejn idur it-tarf ta' fuq tal-*istwiel.*

FELFUL — Kaboċċi jew pastard li mhux mimli. "Magħlef felful".

FERAGĦ, JIFRAGĦ (flok forogħ, jofrogħ) — Friegħ, sar fieragħ, naqas. "Il-baħar jibqa' fieragħ sa Marzu u jofrogħ l-iktar fit-telfa tal-qamar".

FERFER — Baqagħlu, jibqagħlu l-aħħar saħħa, l-aħħar ċaqlil. "Għadu jferfer", jiġifieri għadu ħaj għalkemm imgħaxxex.

FERMIZZI — Ħaraġ li dari tmiss lill-kappillan bħalkieku min iżomm baqra jagħtih nofs tomna qamħ, nofs tomna żgħir u nofs wiżna qoton.

FERŻEN, IFERŻEN — Fixkel, jifxel. "In-naħal mita tiġbru bid-duħħan tferżnu".

FESDAQ — Ġibed il-għana minn garġih, bħall-isponsun. Iwversja.

FEWWAĦ, IFEWWAĦ — Meħud fil-wisa' dal-kilm (verb) ifisser tagħti fwieħa, tiġi 'l quddiem". Ara: Jekk id-dinja tfew waħ", (jekk ir-raba' jagħti l-ġid, jekk li jagħti jġib il-flus, jiswa). "Meta s-swieq ta' Sur kienu jfewwħu", i.e. when Tyre's trade was flourishing.

FEXFINA — Kubrita, sulfarina.

FIJIENI — Ta' ġewwa fina, li jinħass mir-ruħ il ġewwa. "Mal-ħsus fijiena ta' mħabba, tama, rabt ir-rieda, smigħ eċċ., għandna nxierku l-qima barranija (ta' barra)" — (Naħseb li dil-kelma ħoloqha V.M.B., mhux semagħha).

FIEKI — Niexef. "Għandek wiċċ fieki".

FILEĠ, JIFLEĠ — Tilef, jitlef il-qabda ta' subgħajh għax jorqdu-lu. "Ma lagħabhiex sewwa il-boċċa għax fileġ".

FILES, JIFLES — Ta, jagħti l-flus. "Għammu sikwit jifilsu".

FILSA — Bċejjeċ żgħar tad-daqq tat-tajjar. Jistringu d-*deffa* bihom.

FISED — Ma żammx kliemu. "L-għarus fised", bdielu, ħalla l-għa-rusa. "Għerusithom fisdet", "malajr jifsidlek".

FISFISELL — Għodda tat-titqib tal-arloġġari u l-arġentieri, eċċ.

FIXFIXO' — Eng. gaudy, ornamental devices.

FIXHIJA — Ftira.

FLANN — Ringiela jew filliera, "Mita l-qamħ jiżirgħuh ma' tul ir-raddi jinbet flanni flanni".

FORTUNA — Tempesta. *Riħ fortuna,* riħ qawwi. "Hija u tielgħa l-ħajbura tas-sħaba tagħmel riħ fortuna".

FRANKA — Xorta ta' ġebel safrani, ħelu għax-xogħol, li jibnu bih u jagħmlu ċ-ċangaturi minnu. Il-ġebla tal-franka jgħidu fiha s-*sol.*

FRAĠLU — Trab u żrar aħmar li taqta' kemm trid int minnu bl-imgħażqa

FROXX — Wixx, gost, ħajr. "Xi froxx fih?", "Fih froxx!" (ma jiswa xejn).

FUFU — Kelb ċkejkuni nett; il-kelb felfuli Malti.

FUKRAN — Li jġib f'moħħu l-fokra; li jiftakar; It. memore, Eng. mindful.

FURRAJNA — Wiċċ taż-żara', tax-xgħir aktarx jew tal-ħafur, eċċ., li jinqata' għall-aħdar biex jagħilfu l-bhejjem bih. Il-fur-rajna tal-ħafur tingħaraf minn dik tax-xgħir għax il-magħsel tagħha isfel nett ikollu bħal lewn aħmar (bħal dak li jimbullaw il-laħam bih).

## Ġ

ĠABAS. — Igħiduha għal xi hadd kbir u goff, bla grazzja, ma jafx jimxi, eċċ. "Donnu ġabas!"; "Tifel daqs ġabas ma jistħix jilgħab mat-tfal żgħar", "Dan x'ġabas hu hawn?".

ĠBEJLU jew ĠBEJJU — Biċċa tal-moħriet. Ikun toqba f'nofs il-*madmad;* jiswa biex iżomm dik il-biċċa tal-ħaliel?...

ĠEBLA — *Tal-Qawwi,* i.e. iż-żonqor, tal-prima; *tas-sekonda,* pietra arenaria; *tal-franka,* globiġerina. Jifhmu li l-ġebel tal-franka hu l-fdal ta' żogromblu jew bebbux tal-baħar li kien għaqad u sar ħaġa waħda; *Ġebel Kaħli,* qisu t-tielet saff, wara l-Qargħi; *Ġebel Qargħi,* dak li jkun artab, jiltaħaq wara tal-franka, li jkun l-ewwel saff fil-wiċċ; *Ġebel tal-Ahrax* jew salvaġġ, ma jkunx saff, jitfarrak u ma jinħadimx bil-għodda bħal ġebel ieħor; *Ġebel Qalliegħ,* ġebel li jinqata' jew magħżul minn xulxin ġewwa r-raba' jew ġo r-rdajjem; *Ġebla ta' Mitħna,* tkun tal-qawwi ta' barra, tkun ragħwa tal-munġbell niexef, tkun magħmula dawwara u minquxa u taqdi billi ddur u tfarrak il-kafè; *Ġebla Mnaħħla,* ġebla tal-ġir.

ĠEJŻA — (Biċċa tal-milja) It-travu twil, oħxon, li jgħaddi mimdud, qisu msallab, fuq l-*istwiel,* li fih tkun imwaħħla l-*fekruna.* Il-*ġeża* tkun maqtugħa mill-art li tgħaddi minn taħtha l-bhima tad-dawrien bil-*miġbed* b'kollox. Il-ġejża li jkollha r-rjus tagħha mweżnin fuq xi bini jew ħajt tiġi żżomra kollox hi.

ĠEMM — Biċċa għodda tad-daqq tat-tajjar. Dawra rumnell ma' tul il-wisgħa tad-*deffa,* magħmula mill-imsaren bħall-*watal,* u marbut mat-tarf t'isfel tal-*Lasta* u jaqdi lill-*watal* billi fl-ingassa tal-*ġemm* tidħol il-għoqda tal-watal.

ĠENNIEN — Dak li jbiegħ u jixtri t-tjur.

ĠERR — Il-ħabel ta' kief, ikun fih għaxart iqjiem.

ĠIBBA — (Biċċa tal-Milja) Qawwara magħmula bħal imkebba li jdur il-ħabel fuqha. Hemm il-*ġibba l-kbira* u l-*ġibeb iż-żgħar,* li jferrgħu l-bramel fuqhom. Eng. wheeltubs.

ĠIBED — *Ġibdu xhud,* "lo citò come testimonio", *ġibdu ħati,* "lo tradusse in giudizio".

ĠIDRA — Il-biċċa fejn xi ħaġa trabbi jew għandha r-ras. Eż. "Il-qamħ irabbi l-ġidra mita jkollu l-ilma f'waqtu u kemm imiss". "Il-ġidra ta' xi ħaġa" i.e. it-tarf tagħha.

ĠILDIEQA, ĠLIEDAQ — Bħal tentufa ta' ġilda li titqaxxarlek jew tinqalgħalek; bċejċa, xulliefa. (Falzon jagħti *ġirdieqa,* splinter, particle, a little part).

ĠLATA — Nida xhumi (grass) li jagħqad bil-kiesaħ fuq il-weraq tal-uċuħ tar-raba'. "Il-pampalun tal-ġlajjet Jannar jew Marzu?"

G.

ĠLUSI — Li jitmeżmeż, jitqażżeż. Eż. "Il-mogħoż ġlusin wisq".
ĠLUSIJA — Tieqa żgħira ta' dari, magħmula għuda fuq oħra bħal persjana (jew bil-għowdiet imbewwqin) aktarx ibbuzzata 'l barra. (Isma' din l-għanja:)

Mill-ġlusija tiegħi żgħira
Jien narak ma taranix;
Jekk ma tridx nikxef għawrek
Minn dil-ħâra la tgħaddix.

ĠNIZZLA — Erħa tkun għadha ma għamlet qatt. Erħa li taħwiel, u tkun għadha żagħżugħa, issir ta' sentejn tlieta u ma żżomx. Erħa li għadha ma ħadmitx jew ħadmet ftit u ma għamletx; ma għamlet qatt u mhix xierfa.
ĠOST — Jedd. "Meta l-ħaġa jħalluk iddum tagħmilha trabbi l-ġost" (Ġejja minn gius?)
ĠUS — Zalza. Tal. salsa, Eng. gravy. "Imqarrun bil-ġus". (Naħseb li iktar ġejja dritt mill-Inglis *juice*)
ĠONTA — Qoffa, ta' wara l-mezza.
ĠAZZABURELL — Riħ imġarrab minn nies tal-baħar. Filli jkun hedu u filli jinżel bir-ruppat minn fuq l-iġbiel u erħilu jwaqqa' ċanguni u jaqleb l-imriekeb. Jagħmel Kap Bon, Tuneż, Kap Farina, Kap Matapàn fl-Arċipielgu, il-Kap ta' Pantallerija u l-Kap Cavallo Bianco ta' Lampedusa. Il-Ġazzaburell jissejjaħ ukoll mill-Għawdxin Riħ iż-Żonqor jew Riħ Żonqri.
GARŻELLA — Imqietgħa żrar bħal għalqa għira fejn iqiegħdu ż-żrar imħejji biex jagħtu l-lant ħih.
GETT — Frattarija. "Għamlu gett".
GESS — Kemm taħleb ħalib f'għafsa waħda. "Żidli gess ieħor".
GIREŻ, JIGREŻ — Nagħa, jingħi, bħal ma tagħmel il-baqra qabel u wara li tfarra'.
GIPREN jew GIRPEN — L-appik ta' filgħaxija, jiġifieri siegħa dawl tal-Punent, siegħa dawl tax-xemx.
GOGGA — Ħafna miġbura flimkien. *Gogga ċawl* (fl-art), "a gleby of rooks"; *gogga kwiekeb*, "a constellation".
GRIEFEX — Ħwejjeġ tal-logħob tat-tfal jew taċ-ċekċik li ma jiswewx. "Useless stray articles; knicknacks".
GUVA — Dwejra li jagħmlu tal-barrieri biex jerfgħu l-għodda fiha.

(*Jaqbad ma' Leħen il-Malti; Għadd* 221-223)

# Werrej tas-Sena 1950


| | | | |
|---|---|---|---|
| Agius, E. Dr. | — Malta u l-Mediċina ... | Faċċata | 59 |
| Aquilina Ġ., Prof. | — Editorjal ... ... ... | ,, | 1; 37; 69; 101 |
| | Filoloġija ... ... ... | ,, | 67; 100 |
| Borg Pantalleresco, Ġ. | Imħabba għall-Ħaddiem | ,, | 25 |
| Buttigieg A., Dr. | — *Il-Metamorfosi tal- Peprin* | ,, | 53 |
| | Ħames Poeżiji ... ... | ,, | 86; 87 |
| | Epigrammi ... ... ... | ,, | 119 |
| Camilleri, Dun Frans | *Il-Qiegħa; Lill-Imdina; Il-Misteri tan-Natura:* | ,, | 14; 116 |
| Cassano, C. | — 92 ... ... ... ... | ,, | 21 |
| Cassar, G.B. | — *Ħsibt; Lill-Kewkba; Lill-Muża* ... ... ... | ,, | 45; 52; 119 |
| Cassar, Manwel | — *Soirè Lyrique; Tlitt Sunetti* | ,, | 54; 114; 115 |
| Cassar, Ġorġ | — Vicente Blasco Ibanez | ,, | 27 |
| | Il-Letteratura fir-Russja Kommunista ... ... ... | ,, | 106 |
| Cassar, Anton | — Żewġ Poeżiji Maltin u l-Awturi Tagħhom ... ... | ,, | 71 |
| Cassar Pulliċino, Ġ. | Beżqa u Xagħra ... ... | ,, | 46 |
| | Għidut fuq Malta Fil-Lebanon ... ... ... | ,, | 126 |
| | "Żieda ta' Kliem u Tifsir", ta' V.M.B. ... ... ... | ,, | 128 |
| Chetcuti, Ġ. | — Ħames Poeżiji ... ... | ,, | 17; 20 |
| | *Omm; Fil-Ħarifa ta' Ħajti* | ,, | 57; 58 |
| | *Thewdin* ... ... ... ... | ,, | 115 |
| Fenech Adami, J. | — Romantiċiżmu u Klassiċiżmu fil-Letteratura ... ... | ,, | 80 |
| Farrugia, Kan. G.M. | Tgħid Tassew? ... ... | ,, | 88 |
| Farugia, Antonio | — Opra Letterarja Spanjola Maltija ... ... ... ... | ,, | 121 |
| Ghigo, G. S.J. | — Newman u Malta ... ... | ,, | 93 |
| Gulia, W. | — *Rendesvouz; Transitanea* | ,, | 55; 117 |
| German, Lino | — *Il-Bidwi Xwejjaħ* ... ... | ,, | 56 |
| Kritos | — Kotba Ta' Poeżiji ... ... | ,, | 68 |
| Mifsud Bonnici, J. | — *Lilha II* ... ... ... ... | ,, | 84 |
| Mifsud Bonnici, Ugo | Il-Poeżija u l-Verità ... | ,, | 125 |
| Mizzi, Marċell | — *Sonat Apathetique, Un Homme* ... ... ... ... | ,, | 120 |
| Saliba, Guido | — Prinċep ta' Malta ... | ,, | 6 |
| Soler, Inez, | — Lejl Imqaddes ... ... ... | ,, | 15 |

SCICLUNAS BANK

SERVICE

SECURITY

SECRECY

SAVINGS.

(ESTABLISHED 1830)

# THE NATIONAL BANK OF MALTA

**JAGHMEL OPERAZZJONIJIET BANKARJI TA' KULL XORTA**

ISIRU TRASFERIMENTI TA' FLUS B'ITTRI JEW B'TELEGRAMM GHAD-DINJA KOLLHA.

JOHORĠU ITTRI TA' KREDITU U TRAVELLERS' CHEQUES U JINGHATAW IL-FAĊILITAJIET LIL KULL MIN ISIEFER.

IL-BANK JAHDEM MAL-BANEK PRINĊIPALI TA' L-AMERKA, AWSTRALJA U TAL-KANADA.

**IL-BORŻA U D-DWANA - - - - - - - - - - - - IL-BELT.**
**IR-RABAT - - - - - - - - - - - - - - - - - GHAWDEX.**

BANK MAGHQUD MIEGHU

**SCICLUNAS BANK**

**MISRAH IL-PALAZZ IL-BELT.**